MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 495/2002/1

**Allied Newpapers Limited**

**Vs**

**Endeavour Internet Business Solutions Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm430.87c (erba' mija u tletin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) rapprezentanti servizzi ta' reklamar lis-socjeta' konvenuta fuq ordni u inkarigu specifiku taghha u s-socjeta' konvenuta naqset li thallas lis-socjeta' attrici.

Ghalkemm is-socjeta' konvenuta gie interpellata biex thallas, inkluz permezz t'ittra bonarja fl-14 ta' Novembru 2001, hija baqghet inadempjenti fil-hlas totali hawn fuq imsemmi.

Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra bonarja ta’ l-14 ta’ Novembru 2001, tal-mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment u l-interessi mid-data ta’ kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet kontumaci ;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------